**PRESS RELEASE**

# IL-*CORE GROUP* TAL-MEUSAC JIDDISKUTI L-UGWALJANZA BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL U L-PROGRAMM TA' RIFORMA NAZZJONALI

Il-proposta ta' strateġija ġdida tal-Unjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2015), ġiet diskussa llum fil-laqgħa tal-*Core Group* tal-MEUSAC. Fil-preżentazzjoni għad-diskussjoni ta' din l-istrateġija, Dott. Vanni Xuereb (Kap tal-MEUSAC), li mexxa l-laqgħa, qal li l-kwistjoni tal-ugwaljanza ma tolqotx biss lin-nisa imma għandha tkun kwistjoni li tiġi diskussa fuq livell nazzjonali.

Uffiċjali mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja ppreżentaw id-dokument tal-Kummissjoni u fissru l-pożizzjoni tal-Gvern Malti fuq dan id-dokument. L-istrateġija tfassal azzjonijiet konkreti biex timplimenta l-ħames prijoritajiet taċ-*Charter* tan-Nisa li nediet l-Unjoni Ewropea din is-sena. Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi t-tisħiħ tal-ugwaljanza f'dawn l-oqsma: l-indipendenza ekonomika ugwali; l-istess paga għall-istess xogħol tal-istess valur; l-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet; il-ħarsien tad-dinjità u l-integrità u l-waqfien tal-vjolenza; u l-ugwaljanza fl-azzjonijiet esterni tal-UE.

Matul il-preżentazzjoni ħareġ ċar li minkejja l-avvanzi li saru fil-qasam tal-ugwaljanza fil-qasam tax-xogħol, għad baqa' x'isir, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li l-biċċa l-kbira tan-nisa jagħmlu xogħol *part-time*, kultant f'xogħol prekarju, biex jippruvaw isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Din l-istrateġija tagħmel iktar insistenza fuq li iktar nisa jiftħu negozju, isibu *green jobs* u jaħdmu iktar fl-oqsma tar-riċerka u tax-xjenza. Dawn u inizjattivi oħra jistgħu iseħħu billi inqas nisa jaħdmu *part-time*, ikollhom iktar aċċess għal *child-care facilities* u li iktar nisa immigranti jkunu integrati fid-dinja tax-xogħol. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol tista' wkoll tgħin biex jonqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali minħabba li huma stess ħafna drabi huma l-iktar vulnerabbli. Din l-istrateġija għandha titressaq għall-approvazzjoni quddiem il-Kunsill tal-Ministri f'Diċembru li ġej.

Is-Sur George Sultana, Direttur għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Ministeru tax-Xogħol, l-Edukazzjoni u l-Familja, qal li l-Gvern jara li din l-istrateġija se tgħin biex ikompli jsir progress fil-qasam tal-ugwaljanza u biex kemm jista' jkun jingħelbu l-problemi li għadhom jeżistu. Huwa qal li filwaqt li l-Gvern iħares lejn il-miri tal-istrateġija, irid jikkonsidra r-realtà nazzjonali. Qal li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar it-tkabbir tal-opportunitajiet għan-nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol billi jegħlbu l-ostakli eżistenti u jingħataw iktar inċentivi.

Il-membri qajmu numru ta' punti, fosthom:

- L-importanza li l-Gvern ikollu miri ċari permezz ta' indikaturi ċari li jkunu jistgħu jiġu evalwati minn żmien għal żmien;
- Il-bżonn ta' ktar *childcare facilities* u servizzi għat-tfal;
- Estensjoni tal-lif tal-maternità, anki jekk bla ħlas biex ma jkunx piż fuq min iħaddem;
- Insistenza biex l-irġiel jaqsmu iktar ir-responsabbiltà tal-ħajja tal-familja;
- Iktar infurzar tal-miżuri eżistenti favur il-familja;
- Sapport ikbar lill-familji ta' tfal bi bżonnijiet speċjali;
- Iktar insistenza fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika;
- Il-bżonn ta' iktar diskussjoni nazzjonali dwar il-*gender pay gap* u li iktar nisa jokkupaw pożizzjonijiet maniġerjali u fil-parlament.

It-tieni materja diskussa matul il-laqgħa kienet il-Programm ta' Riforma Nazzjonali (PRN) għas-snin 2010-2020. Is-Sur Martin Spiteri, Direttur għall-Iżvilupp tal-Politika fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, spjega kif dan il-programm għandu jitfassal b'mod li jwettaq fil-prattika l-ħames prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri x-xogħol u t-tkabbir ekonomiku, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Huwa ta ħarsa lejn dak li wassal għat-tfassil tal-istrateġija Ewropa 2020 billi l-istrateġija ta' Liżbona kellha ħafna miri li ma ntlaħqux kif mixtieq. Imbagħad tkellem fid-dettall dwar azzjonijiet konkreti li biħsiebu jieħu l-Gvern fis-snin li ġejjin biex iwettaq dawn il-miri li jkunu ambizzjużi imma fl-istess ħin realistiċi. Qal ukoll li l-PRN għad irid jiġi żviluppat skont dak li joħroġ mill-konsultazzjoni wiesgħa li għad trid issir, biex l-abbozz finali jitressaq quddiem il-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni, f'April 2011.

Il-membri preżenti taw il-veduti tagħhom dwar dan l-abbozz tal-PRN. Fost il-kummenti li saru kien hemm:

- l-enfasi li għandha tingħata lejn l-interazzjoni bejn l-enerġija u l-ambjent, b'iktar inċentivi għal enerġija alternattiva, l-ekonomija l-ħadra u l-provvisti tal-ilma tal-pajjiż;
- il-koperazzjoni fuq livell mediterranju, bl-għajnuna tal-UE għall-ħarsien tal-baħar;
- l-iffukar fuq ix-xogħol għan-nisa;
- l-indirizzar ta' abbużi fil-qasam tal-impjiegi.

Fil-bidu tal-laqgħa, Dott. Vanni Xuereb qal illi l-Gvern għamel tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-*Core Group* u li, għalhekk, kienu qed jattendu għall-ewwel darba d-Direttur għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, rappreżentanti tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u tal-For.U.M.

Preżenti għal-laqgħa kien hemm: Dott. Godwin Grima (Segretarju Permanenti Ewlieni), Sylvia Gauci (Segretarju Eżekuttiv – MCESD), Joe Fenech (Direttur għall-Affarijiet tal-UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru), Dott. Luciano Busuttil u Dott. Joe Mifsud (Partit Laburista), Arthur Rossi (CMTU), Michael Briguglio u Carmel Cacopardo (Alternattiva Demokratika), John Bencini (For.U.M.), Paul Scicluna (Kumitat Reġjonali għal Għawdex), Anna Borg u Ben Rizzo (Soċjetà Ċivili) u Dott. Diane Farrugia (Kap-Konsultazzjoni MEUSAC u segretarju tal-*Core* Group). Kienu preżenti wkoll membri oħra tal-istaff tal-MEUSAC, tas-segretarjat għall-UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u uffiċjali mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja u mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment.